Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' April 2023
(OR. en, pl)

8359/23
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0211/A(COD)**

CODEC 624
CLIMA 200
ENV 383
ENER 192
TRANS 148
COMPET 339
ECOFIN 350

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjonijiet |

**Dikjarazzjoni mil-Litwanja**

Il-Litwanja tapprova t-test ta' kompromess finali dwar l-emenda għad-Direttiva dwar is-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS).

Il-Litwanja taqbel li jeħtieġ li jkun hemm ambizzjonijiet ogħla ta' mitigazzjoni għall-gassijiet serra sabiex tintlaħaq il-mira fit-tul tan-newtralità klimatika. L-EU ETS imsaħħa, estiża għal setturi ġodda, hija għodda effettiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-estensjoni tal-EU ETS għat-trasport, għall-bini u għal setturi oħra hija strument li għandu jipprovdi approċċ armonizzat fil-livell tal-UE għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li mhumiex fl-ETS, speċjalment dawk mis-settur tat-trasport. Madankollu, din ser tikkawża wkoll sfidi soċjoekonomiċi addizzjonali, bl-agħar effetti jiġġarrbu mill-Istati Membri bi PDG aktar baxx u bl-ogħla rati ta' faqar fl-enerġija.

F'dan ir-rigward, il-Litwanja tilqa' l-istabbiliment tal-Fond Soċjali għall-Klima bħala għodda biex, permezz ta' miżuri u investiment kif ukoll ta' appoġġ temporanju dirett għall-introjtu, ittaffi l-impatti soċjali ħżiena li l-EU ETS proposta għall-bini u għat-trasport bit-triq (ETS BRT) ser tħalli fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi, u l-utenti tat-trasport. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri bi PDG aktar baxx u li qed jesperjenzaw l-akbar faqar fl-enerġija jirkupraw, tal-anqas, l-ispejjeż imġarrba bl-ETS BRT permezz ta' drittijiet ta' rkantar u l-Fond Soċjali għall-Klima.

Huwa ta' dispjaċir għal-Litwanja li l-Fond Soċjali għall-Klima ser jiġi stabbilit b'daqs fiss, bl-ebda possibbiltà li jikber dinamikament skont iż-żieda fil-prezz tal-kwoti (speċjalment ogħla minn 55 euro) sabiex jirreaġixxi adegwatament għall-bidliet fl-ispejjeż imġarrba mill-konsumaturi.

Huwa ta' dispjaċir ukoll li l-mekkaniżmu stabbilit li jirregola l-prezzijiet għall-kwoti ma jistax effettivament jagħti prevedibbiltà lill-prezz tal-karbonju fuq terminu itwal, billi huwa stabbilit għas-snin 2028 u 2029 (l-Artikolu 30h tad-Direttiva 2003/87/KE emendata).

**Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

L-Ungerija tappoġġa u hija impenjata bis-sħiħ għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u li tadotta miżuri ta' mitigazzjoni effettivi. Naqblu mal-fehma li l-Unjoni Ewropea teħtieġ li tibqa' ambizzjuża, iżda għandna bżonn naġixxu b'responsabbiltà. Fl-istess ħin, irridu niżguraw li l-enerġija tiġi provduta bi prezz affordabbli għall-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji sabiex jinżamm l-appoġġ tal-pubbliku għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta u soċjalment inklużiva.

Ninsabu mħassba li l-ETS BRT ser titfa' piż eċċessiv fuq l-unitajiet domestiċi Ewropej u ddgħajjef il-kompetittività tal-ekonomiji tagħna, speċjalment fl-Istati Membri bi dħul baxx, li l-biċċa l-kbira minnhom huma aktar esposti għall-effetti tal-kriżi attwali, filwaqt li dawn il-miżuri mhumiex ser jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-isforzi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-UE.

Nemmnu li bħalissa, waqt żminijiet ta' kriżi mondjali fl-enerġija, l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, inflazzjoni li qed tiżdied u inċertezzi mal-Ewropa kollha, mhux il-mument opportun li nadottaw miżuri, li ser ikomplu jaggravaw il-ħajja għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, bil-potenzjal li jżidu l-faqar fl-enerġija u bir-riskju li jdgħajfu l-fiduċja tan-negozji u l-appoġġ għall-azzjoni klimatika. Għalhekk, l-Ungerija ma tistax taċċetta deċiżjoni li ser iġġiegħel liċ-ċittadini jħallsu aktar minħabba l-introduzzjoni ta' prezz tal-karbonju uniformi fl-UE kollha.

**Dikjarazzjoni mill-Polonja**

Fil-fehma tal-Polonja, is-sistema tal-EU ETS teħtieġ riforma mill-qiegħ, iżda parti sinifikanti tal-modifiki introdotti fid-direttiva jew jieħdu direzzjoni ħażina jew mhumiex biżżejjed. Il-bidliet proposti jaggravaw il-problemi strutturali tas-Sistema għall-Iskambju ta' kwoti tal-Emissjonijiet mal-UE kollha mingħajr ma jagħtu s-soluzzjonijiet meħtieġa.

Żewġ punti għandhom jiġu nnotati b'mod partikolari. L-ewwel, hemm bżonn ta' mekkaniżmu effiċjenti u kredibbli biex jirregola il-prezzijiet tal-kwoti. Is-soluzzjonijiet proposti mhumiex biżżejjed u jħallu impatt negattiv fuq il-prezzijiet tal-enerġija tal-UE u fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea. Fil-Polonja, l-ispiża tal-kwoti jista' jsarraf f'40 % tal-prezz tal-elettriku u 55 % tal-ispiża tat-tisħin distrettwali. Din is-sitwazzjoni hija inaċċettabbli u insostenibbli. Għall-unitajiet domestiċi tirrappreżenta piż finanzjarju li ma jifilħux għalih u għan-negozji tkun ostaklu biex jimmodernizzaw u jagħmlu investimenti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, billi l-fondi ppjanati għal dan il-għan huma allokati għax-xiri tal-kwoti. Għalhekk, fil-forma attwali tagħha, il-EU ETS qegħda fil-fatt tnaqqas ir-ritmu tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Matul in-negozjati, il-Polonja għamlet proposti kostruttivi għal titjib potenzjali għall-EU ETS u tibqa' lesta tiddiskuti dan is-suġġett.

It-tieni, l-inklużjoni tal-unitajiet domestiċi fl-ETS għandu jitqies negattiv b'mod inekwivoku. L-unitajiet domestiċi diġà qed ibatu minħabba l-prezz għoli tal-kwoti tal-EU ETS, u issa ser iħabbtu wiċċhom ma' kostijiet ogħla għat-tisħin u t-trasport. Is-suq il-ġdid ser jitmexxa mix-xiri tal-kwoti għall-aktar karburanti li jħammġu, li huma użati mill-ifqar unitajiet domestiċi. Dawn ser jerfgħu l-piż tas-sistema, li jwessa' d-distakk soċjali u jmur direttament kontra l-prinċipji tal-ġustizzja u tas-solidarjetà. Li l-unitajiet domestiċi jiġu mċaħħda mill-fondi ma jwassalx għat-tranżizzjoni gradwali tal-enerġija, iżda għall-faqar fl-enerġija. Il-fond il-ġdid ma jikkumpensax għall-effetti negattivi tal-bidliet fuq is-soċjetà Pollakka, li jammontaw għal 87 % tad-djar imsaħħna bil-faħam fl-UE. Huwa għalhekk li ma nistgħux naqblu mas-suq il-ġdid tal-kwoti li jinkludi l-unitajiet domestiċi.

Barra minn hekk, minħabba l-impatt tar-regolament propost fuq it-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri u l-konsegwenti soċjali negattivi tiegħu, fil-fehma tal-Polonja, il-bażi legali għall-att propost għandha tkun l-Artikolu 192(2)(c) TFUE.

Għaldaqstant, il-Polonja ma tistax tappoġġa l-abbozz ippreżentat, u ma narawx soluzzjonijiet adegwati għall-problemi msemmija hawn fuq.

Il-Polonja ttenni wkoll il-pożizzjoni negattiva tagħha għall-Pakkett kollu "Lesti għall-mira ta' 55 %", li għandu miri u ambizzjonijiet li mhumiex realistiċi u jħalli effett sinifikanti fuq it-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri. Il-Polonja hija tal-opinjoni li fil-biċċa l-kbira tiegħu il-pakkett qed jiġi trattat fuq bażi legali skorretta, li joħloq preċedent perikoluż.

**Dikjarazzjoni mis-Slovakkja**

L-ewwel nett, ir-Repubblika Slovakka tixtieq tirringrazzja lill-Presidenzi tal-Kunsill u lill-Kummissjoni għad-determinazzjoni u l-ħidma tagħhom dwar il-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %". Ir-Repubblika Slovakka tibqa' impenjata għall-ambizzjoni akbar, billi flimkien qbilna li nnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-anqas 55 % sal-2030 u niksbu n-newtralità klimatika sal-2050.

L-implimentazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" ser tkun tema ċentrali fil-futur qrib. Għaldaqstant, inqisu li huwa estremament importanti li niġbdu l-attenzjoni lejn l-iskadenzi tat-traspożizzjoni. Dawn la jagħtu żmien biżżejjed u lanqas iqisu r-regoli leġiżlattivi nazzjonali. B'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' skambju tal-emissjonijiet għall-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali żżid il-piż amministrattiv b'mod enormi u testendi l-kumplessità tas-sistema kollha tal-iskambju tal-emissjonijiet. Id-distribuzzjoni ta' entitajiet regolati tas-sistema l-ġdida tal-iskambju tal-emissjonijiet f'termini ta' tqassim amministrattiv u tal-għadd tagħhom, li fil-każ tar-Repubblika Slovakka huwa sa għaxar darbiet akbar minn kemm hemm installazzjonijiet fissi fis-sistema attwali ta' skambju, jirrikjedi implimentazzjoni diffiċli. L-iskadenzi tat-traspożizzjoni bl-ebda mod ma jqisu dan. Għall-kuntrarju, iż-żmien għat-traspożizzjoni huwa iqsar milli mistenni. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tas-sistema attwali tal-iskambju ta' emissjonijiet tibdel ukoll is-sistema tal-installazzjonijiet fissi, tal-avjazzjoni u tinkorpora t-trasport bil-baħar.

Ir-Repubblika Slovakka tixtieq tiġbed l-attenzjoni lejn ir-riskju sinifikanti li t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-ETS ma tkunx tista' ssir qabel l-iskadenza stabbilita. Għar-raġunijiet imsemmija, nixtiequ nitolbu lill-Kummissjoni tqis dawn il-fatti.

## Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni 1

Sabiex tkompli ttejjeb l-integrità u t-trasparenza tas-suq Ewropew tal-karbonju, il-Kummissjoni ser tintroduċi bidliet fl-atti delegati li jirregolaw l-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet u l-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni, biex ittejjeb ir-rapportar regolatorju u l-monitoraġġ tas-suq fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom, tippromwovi l-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-abbuż tas-suq u tgħin fiż-żamma ta' swieq ordnati għall-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi relatati.

L-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 (ir-Regolament dwar l-Irkantar) jistabbilixxi obbligu għall-pjattaforma tal-irkant li tirrapporta d-dettalji kompluti u preċiżi ta' kull tranżazzjoni ta' irkantar lill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħha deżinjata skont id-Direttiva 2014/65/UE (MiFID 2). Fir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-Irkantar, il-Kummissjoni ser tipprevedi li d-data dwar l-irkantijiet tiġi rrapportata wkoll direttament lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Dan ser itejjeb il-monitoraġġ effiċjenti tal-irkanti fil-kwoti tal-emissjonijiet u r-rabtiet rilevanti mas-suq sekondarju.

L-Artikolu 55(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 (ir-Regolament dwar ir-Reġistru) jipprevedi li tranżazzjonijiet OTC purament bilaterali għandhom jiġu mmarkati mal-bidu ta' trasferiment ta' kwoti tal-emissjonijiet fir-Reġistru tal-Unjoni. Madankollu, dan l-immarkar ma jsirx b'mod sistematiku mill-parteċipanti fis-suq. Il-Kummissjoni ser temenda r-rekwiżit tal-immarkar tat-tranżazzjonijiet OTC purament bilaterali, sabiex tinforma aħjar lid-detenturi tal-kontijiet u tiżgura implimentazzjoni aħjar ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser timplimenta aġġustamenti tekniċi fis-sistema tar-Reġistru tal-Unjoni biex tagħmel dan l-immarkar rekwiżit obbligatorju għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet.

Sabiex ittejjeb il-kwalità tad-data disponibbli għar-regolaturi tas-suq għall-hekk imsejjaħ suq spot tal-kwoti tal-emissjonijiet, il-Kummissjoni ser temenda wkoll ir-Regolament dwar ir-Reġistru biex ir-regolaturi tas-suq ikunu jistgħu jitolbu aċċess regolari għad-data mir-Reġistru tal-Unjoni. Dan ser jippermetti lir-regolaturi jirċievu informazzjoni f'waqtha li tista' tiġi kontroverifikata mad-data regolatorja riċevuta dwar is-swieq tad-derivattivi u jintervjenu jekk ikun xieraq sabiex jinżamm il-funzjonament xieraq tas-suq Ewropew tal-karbonju.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li, minn Jannar 2018, il-kwoti tal-emissjonijiet huma kklassifikati bħala strumenti finanzjarji permezz tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID2). Qabel, il-kuntratti tad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet biss kienu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tas-suq finanzjarju. Fil-prattika, din il-klassifikazzjoni toħloq obbligi speċifiċi ħafna għall-entitajiet li jinnegozjaw fis-suq Ewropew tal-karbonju.

Skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2014/65/UE (MiFID 2), il-parteċipanti kollha fis-suq iridu jirrapportaw kuljum l-għadd ta' pożizzjonijiet li jkollhom fis-suq tal-karbonju (rapportar dwar il-pożizzjoni). Dawn ir-rapporti dwar il-pożizzjoni jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti u jiġu ppubblikati kull ġimgħa mill-ESMA.

Skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (MiFIR), il-parteċipanti fis-suq iridu jirrapportaw ukoll id-dettalji tat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha tagħhom fil-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom, inklużi t-tranżazzjonijiet barra l-Borża, lill-awtoritajiet nazzjonali (l-obbligu ta' rapportar tat-tranżazzjonijiet). Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq), il-parteċipanti kollha fis-suq huma soġġetti għal regoli stretti dwar il-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq, inkluż l-obbligu legali li jinnotifikaw kwalunkwe mġiba ta' negozjar suspettuża lill-awtoritajiet finanzjarji rilevanti.

Il-parteċipanti fis-suq għandhom jirrapportaw it-tranżazzjonijiet fil-kwoti u d-derivattivi tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti, li huma responsabbli għas-sorveljanza tas-suq tal-karbonju. Fil-livell Ewropew, l-azzjonijiet tagħhom huma kkoordinati mill-ESMA, kif inhu l-każ għal strumenti finanzjarji oħra.

Dikjarazzjoni 2

Is-suġġetti ddedikati għas-settur marittimu fis-sejħiet għal proposti msemmija fl-Artikolu 10a(8) għandhom jużaw 20 miljun kwota sal-2030 f'dawn l-oqsma, skont ir-regoli applikabbli stabbiliti fih.

Dikjarazzjoni 3

Il-Kummissjoni tqis li l-Artikoli 3d(4), 10(3) u 30d(6) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jobbligawx lill-Istati Membri jwarrbu fondi fil-livell nazzjonali. Dik id-Direttiva tistabbilixxi kemm is-sors tad-dħul kif ukoll l-iskopijiet ġenerali li l-Istati Membri jridu jagħżlu minnhom għall-użu ta' dak id-dħul.

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jallokaw id-dħul mill-irkant tal-kwoti tal-ETS, iżda jistgħu jużaw "l-ekwivalenti f'valur finanzjarju" ta' dan id-dħul.